## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 74/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Romina Bruno Arnaud**

Seduta tal-24 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Romina Bruno Arnaud detentrici tal-karta tal-identita Maltija 195374M talli fis-17 ta' Novembru 2020 ghall-habta tat-08:30hrs u gewwa 13B, Binja Gebel Dwejra, Triq San David, Mtarfa;

1. Insulentat, heddedt jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lil Tracy Bruno;
2. Permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih;

3. Wara li kienet avzata kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi gewwa l-GBDV Unit, sabiex taghti dak it-taghrif u/jew ggib maghha dawk id-dokumenti li l-Pulizija kien jinhtiegu fuq xi investigazzjoni, naqset milli taghmel dan.

Il-Qorti kienet mitluba f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Tracy Bruno jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Romina Bruno Arnaud b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht il-penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Frar 2021 li biha sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 minflok il-piena applikabbli ghar-reat, rabtet lill-hatja b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' €2000 ghal zmien sena. Finalment a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputata a favur ta' Tracy Bruno ghal zmien tlett snin mid-data tas-sentenza. Izda dan m'ghandux ixekkel komunikazzjoni bejn l-imputata u Tracy Bruno rigward il-minuri binthom;

Rat ir-rikors tal-appellanta Romina Bruno Arnuad, pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Marzu 2021 li bih talbet lil din il-Qorti tiddikjara nulla s-sentenza appellata u/jew thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u/ jew tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u/jew ghas-smiegh mill-gdid fil-prim istanza jew tilliberaha minn kull htija u piena;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju taghha l-appellanta tillanja s-sentenza appellata bil-gravam ta' nullita konsistenti filli minkejja dak registrat fil-verbal tal-udjenza quddiem l-ewwel Qorti hi qatt ma ammettiet u qatt ma riedet tammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha oltre li qatt ma kienet legalment assistita waqt dik l-udjenza minkejja li kien hekk erronjament indikat;

2. Illi l-verbal tal-udjenza tat-23 t' Frar, 2021 quddiem l-ewwel Qorti, jaqra hekk:

> *Meta ssejhet il-kawza dehru l-ispettur Andy Rotin ghall-prosekuzzjoni u WPC 259 Cassandra Bartolo.*
> *Dehret l-imputata assistita minn Dr. Franco Galea.*
> *Deher Tracy Bruno assistit minn Dr. Joe Giglio.*
> *Giet registrata ammisjoni.*
> *Inghatat sentenza. (Art 383 u ordni ta' trazzin b'dan m'ghandux ixekkel komunikazzjoni bejn l-imputata u s-sur Bruno rigward il-minuri binthom).*
> *Kawza deciza.*

3. Illi l-parti rilevanti tas-sentenza tal-ewwel Qorti moghtija fit-23 ta' Frar, 2021 taqra hekk:

*Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.*

*Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.*
*Semghet ix-xhieda.*
*Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.*
*Rat l-atti u d-dokumenti kollha.*
*Ikkunsidrat:*
*Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.*

4. Illi din il-Qorti semghet bil-gurament lill-Avukat Dottor Franco Galea li, skond il-verbal tal-udjenza kif jidher *supra,* kien l-avukat li assista lill-appellanta quddiem l-ewwel Qorti. Dottor Galea xehed li jiftakar li kien fl-awla dak il-hin sabiex jippatrocina lill-klijenti tieghu **<u>izda</u>** mhux lill-appellanta li lanqas biss jaf min hi u qatt ma ghamel rappresentazzjoni ghaliha quddiem l-ewwel Qorti. Ghalkemm ma jafx min hi u ma jafx x'jisimha, baqa' jiftakar b'mod car l-incident ghaliex waqt l-udjenza quddiem l-ewwel Qorti l-

imputata bdiet tolfoq u titrieghed wara li kienet talbet differiment ghaliex l-avukat taghha ma setghetx titla' tassistiha dakinhar u kienet qaltilha li kienet kitbet lill-Qorti dwar dan. Ghad illi x-xhud kellu jirreferi ghad-djarju tieghu sabiex jghinu igedded il-memorja dwar x'kawzi kellu dakinhar, pero' jiftakar car illi wara li f'hin minnhom l-appellanta bdiet titrieghed u tibki accerta lil din il-Qorti illi l-appellanta ma kienitx assistita quddiem l-ewwel Qorti u madwar jumejn wara l-udjenza kien avvicinah Dottor Roberto Montalto biex jistaqsieh jekk kienx assista lill-appellanta u x'kien gara;

5. Il-Qorti semghet ukoll bil-gurament lill-appellanta li cahdet li qatt irregistrat ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u ddikjarat illi f'dik l-udjenza kienet infurmat lill-Qorti illi l-avukat taghha, Dr. Lara Dimitrijevic kienet indisposta u ghalhekk meta semghet li l-kawza kienet xorta wahda fil-process ta' smiegh ma setghetx temmen li dak kollu kien qed isehh fil-konfront taghha u kif il-kawza kienet deciza minghajr ma kienet assistita mill-avukat difensur taghha;

6. Illi hu minnufih evidenti minn dan kollu illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija frott ta' xi malintiz tant illi l-verbal tal-udjenza juri li l-appellanta kienet assistita minn Dr. Franco Galea, li habat kien fl-awla dak il-hin sabiex jassisti dwar kawza ohra, meta dan xehed li lanqas biss jaf min hi. Inoltre, dak prolatat fis-sentenza tal-ewwel Qorti mhuwiex riflessjoni preciza ta' dak li sehh fl-awla dwar l-ammissjoni u t-twissija solenni. Fl-ewwel lok, u *obiter*, l-artikolu 392A li l-ewwel Qorti indikat fis-sentenza taghha, jirreferi ghall-dawk l-imutazzjonijiet li ma humhiex ta'

kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati meta l-Avukat Generali ma jkunx ta l-kunsens tieghu ghat-tmexxija tal-kawza bil-procedura sommarja. L-artikolu 453(1) li ghalih ukoll ghamlet referenza l-ewwel Qorti, imbaghad japplika ghal dawk l-ammissjonijiet maghmula minn **akkuzat** quddiem il-Qorti Kriminali. Issa filwaqt illi huwa dejjem tajjeb, anzi konsiljabbli, li fl-ammissjonijiet anke jekk dwar reati li mhux daqstant serji, il-Qorti taccerta ruhha li dik l-ammissjoni hi wahda veritiera u mhux mqanqla minn xi forma ta' biza, theddid, weghdiet jew nuqqas ta' gharfien dwar il-konsegwenzi taghha jew b'xi mod errat, l-artikolu 392A kien inapplikabbli ghall-kwistjoni odjerna tant li dan igib mieghu l-obbligu tal-Qorti li tibghat l-atti lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol, haga din li ma sehhitx fil-procedura hawn skrutinata;

7. Issa, jekk kien applikat dak li jiddisponi l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, il-verbal tal-udjenza kellu allura jirrifletti mhux biss li "*giet registrata ammissjoni*" izda ukoll li wara dik l-ammissjoni inghatat twissija lill-imputata bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni u li fattwalment inghatat zmien bizzejjed sabiex tikkontempla d-dikjarazzjoni taghha sabiex wara tkun mistoqsija jekk tridx terga' lura minnha jew le;

8. Illi f'din il-kawza jidher li kien hemm nuqqas ta' ftehim fi grad gholi tant li avukat li ma kellu l-ebda konnessjoni mal-kaz kien registrat li kien qed jassisti lill-imputata u li bis-sahha ta' dan ssokkta s-smiegh tal-kawza. Dak li jkompli jirradika l-konvinciment morali ta' din il-Qorti li l-imputata ghandha ragun hu rizultat tal-fatt illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat

li semghet ix-xhieda meta skond il-verbal ma nstema' l-ebda xhud u li semghet is-sottomissjonijet tal-partijiet dwar il-piena meta l-appellanta ma kienitx assistita minn avukat jew prokuratur legali anke jekk tnizzel hekk fil-verbal meta fir-realta' l-ebda avukat ma ghamel sottomissjonijiet ghan-nom taghha. Issa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti trid tkun konvinta li ma sehhx dak li allega l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu, jigifieri li l-appellanta qed tallega dan kollu wara li inghatat sentenza li ma ghogbithiex. Il-Qorti, ben konxja ta' din il-possibilita' setghet ordnat li jixhdu persuni ohra bhal ufficcjal prosekutur, l-parte civile u d-difensur tieghu u sahansitra lid-deputat registratur tal-awla, izda appena Dr. Franco Galea kkonferma li bl-ebda mod ma kien involut fil-kaz kien minnufih evidenti li r-registrazzjoni tal-ammissjoni tal-imputata kien frott ta' malintiz. Illi ghalhekk ma hemm ebda spjegazzjoni ohra ghajr li l-ewwel Qorti erronjament rregistrat fatti li setghu kienu ta' kawza ohra quddiemha. Il-Qorti tifhem illi dan huwa possibbli stante l-volum qawwi ta' kawzi mismugha mill-Qorti tal-Magistrati, izda fl-istess waqt trid tara li hadd ma jkun kkundannat bi zball, <u>ikun x'ikun ir-reat</u> anke jekk ta' tip kontravvenzjonali u <u>tkun xi tkun l-piena jew l-alternattiva taghha</u>;

9. Illi la darba l-Avukat Dottor Franco Galea ma kienx qed jassisti lill-imputata allura ifisser li l-imputata ma kienitx assistita legalment meta kien implicitu li din kellha tkun assistita. A skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Reuben Bonnici 502/2010 DS u Il-Pulizija vs Omar Hinde 197/2018 GMG liema sentenzi jakkludu principji abbracjati minn din il-Qorti kif preseduta li n-nuqqas ta' assistenza legali fi proceduri meta kien implicitu li l-imputat/a

kellu jew kellha tkun hekk assistita jista' jaghti lok ghan-nullita' tal-proceduri. Fil-kaz odjerna, l-imputata ma kienitx assistita ghaliex l-avukat ta' fiducja taghha kienet indisposta u l-appellanti xehedet bil-gurament li wasslet dan il-messagg fl-awla u kienet qed tistenna differiment meta minflok inghatat sentenza;

10. Illi ghalhekk s-sentenza, ossia l-procedura quddiem l-ewwel Qorti hija kolpita b'difett tali li jirrendi l-istess nulla u bla effett. Ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla minhabba karenza konsistenti f'ammissjoni erronja u nuqqas ta' assistenza legali u konsegwentement, filwaqt illi tilqa' l-ewwel talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji u t-talbiet l-ohra u tordna li l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.